Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fl-10 ta' Mejju 2016 [1]

**Kawża C-182/15**

**Aleksei Petruhhin**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u Artikolu 21(1) TFUE — Talba għall-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor lejn ir-Russja — Rifjut ta' Stat Membru li jestradixxi ċ-ċittadini tiegħu stess — Differenza fit-trattament minħabba n-nazzjonalità — Ġustifikazzjoni — Ġlieda kontra l-impunità — Verifika tal-garanziji previsti fl-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

1. L-estradizzjoni tista' tiġi ddefinita bħala proċedura ta' assistenza reċiproka internazzjonali fil-qasam kriminali li permezz tagħha Stat jitlob lil Stat ieħor sabiex jikkonsenjalu persuna li tinsab fit-territorju tat-tieni Stat sabiex din il-persuna tiġi suġġetta għal prosekuzzjoni, tingħata sentenza fil-konfront tagħha jew, jekk tkun diġà ġiet ikkundannata, sabiex tiskonta l-piena tagħha.

2. Din il-kawża tirrigwarda talba għal estradizzjoni indirizzata mill-Federazzjoni Russa lir-Repubblika tal-Latvja li tikkonċerna ċittadin Estonjan li ġie arrestat fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

3. Essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tiddeċiedi jekk il-protezzjoni mill-estradizzjoni li jibbenefikaw minnha ċ-ċittadini Latvjani skont id-dritt nazzjonali tagħhom u skont ftehim bilaterali konkluż mal-Federazzjoni Russa għandhiex tiġi estiża għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra konformement mar-regoli tat-Trattat FUE dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

4. Għadd ta' Stati Membri, fosthom ir-Repubblika tal-Latvja, jipprevedu, fid-dritt nazzjonali tagħhom kif ukoll fil-konvenzjonijiet internazzjonali li huma partijiet fihom, il-prinċipju li skontu huma jirrifjutaw l-estradizzjoni taċ-ċittadini tagħhom. Ladarba tiġi indirizzata talba għal estradizzjoni lil Stat Membru u din it-talba tkun tikkonċerna ċittadin tal-Unjoni li ma huwiex ċittadin ta' dan l-Istat, tali prinċipju joħloq differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-imsemmi Stat u dawk tal-Istati Membri l-oħra. Minkejja dan, jien ser inqis li tali differenza fit-trattament ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità li tmur kontra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, meta jintwera li dawn iż-żewġ kategoriji ta' ċittadini ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-għan li jikkonsisti fil-ġlieda kontra l-impunità ta' persuni ssuspettati li wettqu reat fi Stat terz.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

5. L-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2], intitolat "Il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni" jiddisponi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti."

### B – *Id-dritt Latvjan*

6. Il-Kostituzzjoni Latvjana tipprevedi, fit-tielet sentenza tal-Artikolu 98 tagħha:

"Ċittadin Latvjan ma jistax jiġi estradit lejn Stat barrani, ħlief fil-każijiet previsti fi trattati internazzjonali rratifikati mis-Saeima (Parlament), bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni ma tiksirx id-drittijiet fundamentali tal-persuna ggarantiti mill-Kostituzzjoni."

7. Skont l-Artikolu 4 tal-Krimināllikums (liġi kriminali, iktar 'il quddiem il-"liġi kriminali Latvjana"):

"1. Il-persuni ċittadini u mhux ċittadini Latvjani [3] kif ukoll il-barranin li huma detenturi ta' permess ta' residenza permanenti fil-Latvja għandhom jinżammu responsabbli, fit-territorju tal-Latvja skont din il-liġi, għal att imwettaq fit-territorju ta' Stat ieħor jew barra mit-territorju nazzjonali, irrispettivament minn jekk dan l-att jitqiesx jew le li huwa reat u suġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-post fejn twettaq.

[...]

3. Il-barranin li ma humiex detenturi ta' permess ta' residenza permanenti fil-Latvja li jkunu wettqu reati gravi jew gravi ħafna fit-territorju ta' Stat ieħor kontra l-interessi tar-Repubblika tal-Latvja jew tal-abitanti tagħha għandhom, indipendentement mil-leġiżlazzjoni tal-Istat li fit-territorju tiegħu twettaq ir-reat, jinżammu kriminalment responsabbli taħt din il-liġi jekk huma ma nżammewx responsabbli jew ma tressqux quddiem il-qrati b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat tal-post fejn twettaq ir-reat.

4. Il-barranin li ma humiex detenturi ta' permess ta' residenza permanenti fil-Latvja li jkunu wettqu reat fit-territorju ta' Stat ieħor jew barra mit-territorju nazzjonali għandhom, indipendentement mil-leġiżlazzjoni tal-Istat li fit-territorju tiegħu twettaq ir-reat, jinżammu responsabbli taħt din il-liġi fil-każijiet previsti mill-ftehimiet internazzjonali li jorbtu lir-Repubblika tal-Latvja jekk huma ma nżammewx kriminalment responsabbli għall-imsemmi reat jew ma tressqux quddiem il-qrati minħabba fih fit-territorju ta' Stat ieħor."

2 — Iktar 'il quddiem il-"Karta".

3 — Mistoqsi, waqt is-seduta, dwar it-tifsira ta' din l-espressjoni, il-Gvern Latvjan speċifika li l-"persuni [...] mhux ċittadini Latvjani" huma l-ex ċittadini Sovjetiċi li waslu fil-Latvja qabel l-indipendenza ta' dan l-Istat. Dawn il-persuni la għażlu n-nazzjonalità Latvjana u lanqas in-nazzjonalità Russa u għandhom il-possibbiltà li jinnaturalizzaw ruħhom.

8. It-Taqsima 66 tal-Kriminālprocesa likums (kodiċi ta' proċedura kriminali, iktar 'il quddiem il-"kodiċi ta' proċedura kriminali Latvjan"), intitolata "Estradizzjoni ta' persuna lejn Stat barrani" tiddisponi, fl-Artikolu 696(1) u (2) tagħha:

"1. Persuna li tinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Latvja tista' tiġi estradita għal finijiet ta' proċeduri kriminali, ta' sentenza jew ta' eżekuzzjoni ta' kundanna, jekk tkun ġiet irċevuta talba għad-detenzjoni provviżorja jew talba għall-estradizzjoni ta' din il-persuna magħmula minn Stat barrani u l-fatti jkunu kklassifikati bħala reat mil-liġi Latvjana u dik tal-Istat barrani.

2. Persuna tista' tiġi estradita għal finijiet ta' proċeduri kriminali jew ta' deċiżjoni fil-konfront tagħha għal att li t-twettiq tiegħu huwa punibbli b'piena ta' priġunerija li l-massimu tagħha ma huwiex inqas minn sena jew b'piena iktar severa, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn trattat internazzjonali."

9. L-Artikolu 697(2) tal-kodiċi ta' proċedura kriminali Latvjan huwa fformulat kif ġej:

"L-estradizzjoni ma hijiex awtorizzata jekk:

1) il-parti kkonċernata tkun ċittadina Latvjana;

2) it-talba għall-estradizzjoni tal-parti kkonċernata tkun marbuta mal-għan li jinbdew proċeduri kriminali kontra din il-persuna jew li tiġi punita minħabba r-razza, l-affiljazzjoni reliġjuża, in-nazzjonalità, il-fehmiet politiċi tagħha, jew jekk ikunu jeżistu raġunijiet sabiex wieħed jaħseb li d-drittijiet ta' din il-persuna jistgħu jinkisru għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq;

[...]

7) ikun hemm riskju li l-persuna tiġi ttorturata barra l-pajjiż."

10. Il-ftehim tat-3 ta' Frar 1993 bejn ir-Repubblika tal-Latvja u l-Federazzjoni Russa, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili, tal-familja u kriminali, jiddisponi, fl-Artikoli 1 u 62 tiegħu:

"Artikolu 1. Protezzjoni ġuridika

1. Fir-rigward tad-drittijiet personali u patrimonjali, iċ-ċittadini ta' waħda mill-partijiet kontraenti li jinsabu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra jibbenefikaw mill-istess protezzjoni ġuridika hemmhekk bħaċ-ċittadini tal-parti kontraenti l-oħra.

2. Iċ-ċittadini ta' waħda mill-partijiet kontraenti għandhom id-dritt ta' aċċess liberu u mingħajr ostakoli għall-qrati, għall-prosekutur, għall-uffiċċji notarili [...] u għal istituzzjonijiet oħra tal-parti kontraenti l-oħra li huma kompetenti f'materji ċivili, tal-familja u kriminali; huma jistgħu jidhru hemmhekk, iressqu talbiet, jippreżentaw rikorsi u jipproċedu b'atti proċedurali oħra taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini nazzjonali.

[...]

Artikolu 62. Rifjut tal-estradizzjoni

1. L-estradizzjoni ma sseħħx jekk:

1) il-persuna li tkun is-suġġett ta' talba għal estradizzjoni tkun ċittadin tal-parti kontraenti li lilha tiġi indirizzata t-talba, jew jekk din il-persuna tkun kisbet l-istatus ta' refuġjat f'dan l-Istat.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11. Il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji, iffirmat f'Tallinn fil-11 ta' Novembru 1992, jipprevedi, fl-Artikolu 1(1) tiegħu:

"Fir-rigward tad-drittijiet personali u patrimonjali, iċ-ċittadini ta' waħda mill-partijiet kontraenti li jinsabu fit-territorju ta' parti kontraenti oħra jibbenefikaw mill-istess protezzjoni ġuridika hemmhekk bħaċ-ċittadini ta' din il-parti kontraenti l-oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## II – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12. Aleksei Petruhhin, ċittadin Estonjan, kien is-suġġett ta' avviż ta' tfittxija prijoritarju ppubblikat fuq is-sit internet tal-Interpol, fit-22 ta' Lulju 2010.

13. A. Petruhhin ġie arrestat fit-30 ta' Settembru 2014 fil-belt ta' Bauska (il-Latvja), u sussegwentement tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja.

14. Fil-21 ta' Ottubru 2014, l-awtoritajiet Latvjani ġew aditi b'talba għal estradizzjoni mressqa mill-Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa. Minn din it-talba jirriżulta li nbdew proċeduri kriminali kontra A. Petruhhin permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2009 u li dan tal-aħħar kellu jitqiegħed taħt detenzjoni abbażi ta' miżura li tneħħi l-libertà. Skont din id-deċiżjoni, A. Petruhhin huwa akkużat b'attentat ta' traffikar ta' kwantità kbira ta' drogi b'assoċjazzjoni ma' kriminali oħra. Skont il-leġiżlazzjoni Russa, dan ir-reat huwa punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn 8 u 20 sena.

15. Il-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja awtorizza l-estradizzjoni ta' A. Petruhhin lejn ir-Russja. Madankollu, fl-4 ta' Diċembru 2014, A. Petruhhin talab l-annullament tad-deċiżjoni ta' estradizzjoni għar-raġuni li, skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji, huwa kellu, fil-Latvja, l-istess drittijiet bħal ċittadin Latvjan u li, konsegwentement, ir-Repubblika tal-Latvja kienet obbligata tipproteġih minn estradizzjoni infondata.

16. L-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja) tenfasizza li la d-dritt Latvjan u lanqas ebda ftehim internazzjonali ffirmat mir-Repubblika tal-Latvja, b'mod partikolari mal-Federazzjoni Russa u mal-pajjiżi Baltiċi l-oħrajn, ma jipprevedu limitazzjoni għall-estradizzjoni ta' ċittadin Estonjan lejn ir-Russja. Skont il-formulazzjoni tal-Artikolu 62 tal-Ftehim tat-3 ta' Frar 1993 bejn ir-Repubblika tal-Latvja u l-Federazzjoni Russa, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili, tal-familja u kriminali, il-protezzjoni minn tali estradizzjoni hija prevista biss fir-rigward taċ-ċittadini Latvjani.

17. Il-qorti tar-rinviju tirrileva, barra minn hekk, li għalkemm id-Deċiżjoni kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [4], tawtorizza l-konsenja, bejn l-Istati Membri, taċ-ċittadini rispettivi tagħhom, min-naħa l-oħra, ma huwiex previst mekkaniżmu ta' konsultazzjoni bejn l-Istati Membri li jippermetti li jiġi rċevut il-kunsens tal-Istat Membru li l-persuna tkun ċittadina tiegħu għall-estradizzjoni ta' din il-persuna lejn Stat terz.

4 — Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34. Deċiżjoni Qafas kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

18. Skont il-qorti tar-rinviju, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-protezzjoni mogħtija minn Stat Membru liċ-ċittadini tiegħu stess kontra l-estradizzjoni lejn Stat terz hija effettiva biss fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Madankollu, fl-opinjoni tagħha, dan imur kontra l-essenza taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jiġifieri d-dritt għal protezzjoni ekwivalenti. Hija tenfasizza li din is-sitwazzjoni toħloq inċertezza għaċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tal-libertà li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

19. Il-qorti tar-rinviju tesprimi l-opinjoni li, skont id-dritt tal-Unjoni, f'każ ta' talba għall-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru lejn Stat terz, l-Istat Membru li jirċievi tali talba għandu jiggarantixxi l-istess livell ta' protezzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni bħal dak li joffri liċ-ċittadini tiegħu stess.

20. Minkejja dan, billi kellha dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dritt tal-Unjoni, fis-26 ta' Marzu 2015, l-Augstākā tiesa (qorti suprema) iddeċidiet, filwaqt li annullat iż-żamma taħt detenzjoni ta' A. Petruhhin, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21(1) TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' estradizzjoni ta' ċittadin ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni lejn Stat li ma huwiex membru tal-Unjoni, skont ftehim dwar l-estradizzjoni konkluż bejn Stat Membru u pajjiż terz, għandu jiġi ggarantit l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak li huwa ggarantit lil ċittadin tal-Istat Membru inkwistjoni?

2) F'tali ċirkustanzi, il-qorti tal-Istat Membru li kien mitlub l-estradizzjoni għandha tapplika l-kundizzjonijiet ta' estradizzjoni tal-Istat [Membru] tan-nazzjonalità jew ta' dak li fih tinżamm ir-residenza abitwali [tal-parti kkonċernata]?

3) Fil-każijiet fejn l-estradizzjoni għandha ssir mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell speċifiku ta' protezzjoni stabbilit għaċ-ċittadini tal-Istat li jkun ġie mitlub l-estradizzjoni, l-Istat Membru li ġie mitlub l-estradizzjoni għandu jivverifika li jiġu osservati l-garanziji stabbiliti fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġifieri li l-ebda persuna ma tista' tiġi estradita lejn Stat fejn hemm riskju serju li tkun suġġetta għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti? Din il-verifika tista' tiġi limitata għall-konstatazzjoni li l-Istat li jitlob l-estradizzjoni jkun parti kontraenti fil-Konvenzjoni dwar il-projbizzjoni tat-tortura, jew għandha tiġi eżaminata s-sitwazzjoni konkreta, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni tal-imsemmi Stat magħmula mill-Kunsill tal-Ewropa?"

## III – **L-analiżi tiegħi**

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

1. Fuq l-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji, għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali

21. Fir-rikors li ppreżenta kontra d-deċiżjoni tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja li jawtorizza l-estradizzjoni tiegħu, A. Petruhhin jibbaża ruħu, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji. Fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, huwa jsostni li huwa għandu jibbenefika, min-naħa tar-Repubblika tal-Latvja, mill-istess protezzjoni bħal dik li dan l-Istat Membru jiggarantixxi liċ-ċittadini tiegħu fil-każ ta' proċeduri kriminali. Minn dan isegwi li l-imsemmi Stat Membru għandu l-obbligu li jiddefendi lil A. Petruhhin kontra talba għal estradizzjoni mhux iġġustifikata u li dan tal-aħħar għandu d-dritt jistenna li r-Repubblika tal-Latvja tagħmel kull sforz

biex tikseb il-provi li jistabbilixxu l-ħtija jew l-innoċenza tiegħu. Madankollu, fil-fehma tiegħu, mill-pożizzjoni meħuda mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja, jirriżulta li ma huwa ser isir xejn biex jiġu vverifikati kemm jista' jkun u bl-iktar mod preċiż possibbli r-reati allegati fil-konfront tiegħu fit-territorju Russu.

22. Waqt is-seduta, il-Gvern Latvjan ġie mistoqsi dwar jekk l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji, jistax jiġi interpretat fis-sens li jagħti liċ-ċittadini Estonjani u Litwani l-istess protezzjoni mill-estradizzjoni bħal dik li jibbenefikaw minnha ċ-ċittadini Latvjani. Il-Gvern Latvjan indika, f'dan ir-rigward, li sa issa, il-ġurisprudenza Latvjana ma interpretatx din id-dispożizzjoni fis-sens li tagħti garanziji supplimentari liċ-ċittadini Estonjani u Litwani biex ma jiġux estraditi mir-Repubblika tal-Latvja.

23. Huwa kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk tistax issib soluzzjoni għat-tilwima fil-kawża prinċipali billi tinterpreta l-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji. B'mod partikolari, hija għandha teżamina jekk l-espressjoni "drittijiet personali", li tinsab f'din id-dispożizzjoni, tkoprix id-dritt li wieħed jibbenefika minn protezzjoni ġuridika mill-estradizzjoni.

2. Fuq l-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari

24. Waqt is-seduta, il-Gvern Latvjan issuġġerixxa li A. Petruhhin ma kienx għadu fit-territorju tiegħu, iżda li wara l-annullament taż-żamma taħt detenzjoni tiegħu fis-26 ta' Marzu 2015, huwa mar lura l-Estonja. Minn dan il-gvernijiet tal-Istati Membri li ppreżentaw il-fehmiet tagħhom f'din is-seduta kkonkludew li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

25. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex tiġi deċiża l-kawża li tkun tressqet quddiemhom [5].

26. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni meta d-domandi mressqa jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [6].

27. Minn dan isegwi li l-mistoqsijiet b'rabta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest tal-qafas leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, u li l-eżattezza tagħhom ma għandhiex tiġi vverifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' domanda magħmula minn qorti nazzjonali hija possibbli biss meta jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandhiex x'taqsam mar-realtà tal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod effettiv għad-domandi li jkunu sarulha [7].

5 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

7 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Capoda Import-Export (C-354/14, EU:C:2015:658, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28. Għaldaqstant, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżupponi li kawża hija effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħhom huma mistennija li jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari[8].

29. Dan huwa l-każ fil-kuntest ta' din il-kawża. Fil-fatt, il-Gvern Latvjan, waqt is-seduta, ikkonferma li l-qorti tar-rinviju għadha adita b'kawża li tinsab pendenti quddiemha. Irrispettivament mill-inċertezza dwar il-post fejn attwalment jinsab A. Petruhhin, il-qorti tar-rinviju għalhekk għandha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni meħuda mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja li dan tal-aħħar jiġi estradit. Skont l-Artikolu 707 tal-kodiċi ta' proċedura kriminali Latvjan, il-qorti tar-rinviju tista' tiddeċiedi li jew tinżamm id-deċiżjoni tal-Prosekutur, jew li din tiġi annullata u li l-estradizzjoni ma għandhiex tiġi awtorizzata, jew li t-talba għal estradizzjoni tiġi suġġetta għal eżami supplimentari. Mill-perspettiva tad-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-qorti tar-rinviju, risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula minn din tal-aħħar tibqa' utli. Bħal kundanna segwita mill-ħarba tal-persuna kkundannata, tali deċiżjoni sussegwentement tista' tiġi eżegwita f'kull mument, jekk ikun meħtieġ wara arrest mill-ġdid ta' A. Petruhhin fit-territorju Latvjan.

30. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa ammissibbli.

B – *Fuq l-ewwel u t-tieni domandi*

31. Permezz tal-ewwel u t-tieni domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21(1) TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ċittadin ta' Stat Membru li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u li huwa s-suġġett ta' talba għal estradizzjoni minn Stat terz għandu jibbenefika mill-istess regola bħal dik li tipproteġi liċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru l-ieħor mill-estradizzjoni.

32. Qabel kollox, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk is-sitwazzjoni ta' A. Petruhhin taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

33. Il-gvernijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dak tar-Renju Unit, isostnu li r-regoli dwar l-estradizzjoni, f'sitwazzjoni fejn l-Unjoni ma kkonkludietx ftehim dwar din il-kwistjoni ma' Stat terz, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

34. Jiena ma naqbilx ma' din l-opinjoni. Għall-kuntrarju, naqbel mal-pożizzjoni espressa mill-Gvern tar-Renju Unit waqt is-seduta, jiġifieri li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21(1) TFUE huma applikabbli sa fejn A. Petruhhin eżerċita d-dritt ta' moviment liberu jew ta' residenza tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni u li għaldaqstant, bħala prinċipju, huwa għandu d-dritt għal trattament identiku għal dak li jingħata liċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti.

35. Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li, bħala ċittadin Estonjan, A. Petruhhin igawdi mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu 20(1) TFUE, u għalhekk jista' jinvokah kemm fil-konfront tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu kif ukoll fil-konfront tal-Istat Membru li fih għandu drittijiet relatati ma' dan l-istatus.

8 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-5 ta' Ġunju 2014, Antonio Gramsci Shipping *et* (C-350/13, EU:C:2014:1516, punt 10 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja f'ħafna okkażjonijiet, dan l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni huwa intiż sabiex ikun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri li permezz tiegħu dawk fosthom li jinsabu fl-istess sitwazzjoni jistgħu jiksbu l-istess trattament ġuridiku, fil-kuntest ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-Trattat FUE, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet espressament previsti f'dan ir-rigward[9].

37. Peress li ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, prevista fl-Artikolu 20 TFUE, ma għandhiex l-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-Trattat FUE għal sitwazzjonijiet interni li ma għandhom ebda rabta mad-dritt tal-Unjoni[10], jeħtieġ li jiġi identifikat jekk jeżistux tali elementi ta' konnessjoni.

38. Dwar dan il-punt, il-gvernijiet tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' din il-proċedura, tennew il-pożizzjoni tradizzjonali f'dan it-tip ta' każ, jiġifieri li sabiex ikunu applikabbli r-regoli tat-Trattat FUE dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jeħtieġ li l-fatti tal-kawża prinċipali jkunu relatati ma' kwistjoni rregolata mid-dritt tal-Unjoni, u li ma huwiex biżżejjed li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ikun eżerċita l-libertà ta' moviment tiegħu.

39. Minkejja dan, wieħed għandu jinsisti fuq il-fatt li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fost is-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm dawk relatati mal-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, kif prevista mill-Artikolu 21 TFUE[11]. Għaldaqstant, fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, element ta' konnessjoni rilevanti għad-dritt tal-Unjoni jista' jkun jinvolvi l-eżerċizzju minn ċittadin ta' Stat Membru tad-dritt tiegħu ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor[12]. Għall-kuntrarju, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tkun affaċċjata b'sitwazzjoni li fiha, minn naħa, il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, il-persuna li tinvoka d-dritt tal-Unjoni ma tkunx għamlet użu mid-dritt ta' moviment liberu tagħha previst fl-Artikolu 21 TFUE, hija tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari li jkollha quddiemha[13].

40. Issa huwa paċifiku li A. Petruhhin, li ġie arrestat il-Latvja, għamel użu mil-libertà tiegħu ta' moviment u ta' residenza fi Stat Membru ieħor, iggarantita mill-Artikolu 21(1) TFUE.

41. Jeħtieġ li jiġi speċifikat ukoll li, fin-nuqqas ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-estradizzjoni ta' ċittadini tal-Istati Membri lejn ir-Russja[14], dawn l-Istati jibqgħu kompetenti sabiex jadottaw tali regoli u sabiex jikkonkludu ftehimiet f'dan il-qasam mal-Federazzjoni Russa.

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Martens (C-359/13, EU:C:2015:118, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas (C-192/05, EU:C:2006:676, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop (C-224/98, EU:C:2002:432, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-16 ta' Diċembru 2008, Huber (C-524/06, EU:C:2008:724, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata); tal-4 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-75/11, EU:C:2012:605, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata); kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, Martens (C-359/13, EU:C:2015:118, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Ara Iliopoulou, A., "Entrave et citoyenneté de l'Union", *L'entrave dans le droit du marché intérieur*, Bruylant, Brussell, 2011, p. 191. Skont dan l-awtur, "[e]bda regola nazzjonali ma tista' *a priori* tiġi eskluża milli tiġi kklassifikata bħala ostakolu fil-kuntest taċ-ċittadinanza. L-eżistenza ta' element transkonfinali hija biżżejjed biex is-sitwazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju u biex twassal għal stħarriġ tal-kompatibbiltà mar-rekwiżiti tat-Trattat" [traduzzjoni libera] (p. 202). Ara wkoll, dwar dan is-suġġett, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Tas-Hagen u Tas (C-192/05, EU:C:2006:223, punti 25 sa 43).

13 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet tad-19 ta' Ġunju 2014, Teisseyre (C-370/13, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2033, punti 33 sa 35).

14 — Min-naħa l-oħra, jeżisti ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-estradizzjoni (ĠU 2003, L 181, p. 27) [ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/820/PESK, tat-23 ta' Ottubru 2009, dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU 2009, L 291, p. 40)].

42. Għalhekk, l-Istati Membri huma obbligati jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri kif mogħtija mill-Artikolu 21(1) TFUE lil kull ċittadin tal-Unjoni. Dan jikkonċerna l-applikazzjoni, fi kwistjonijiet ta' estradizzjoni, ta' ġurisprudenza stabbilita li skontha l-Istati Membri huma obbligati josservaw id-dritt tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Unjoni mogħtija lil kull ċittadin [15].

43. Għaldaqstant, anki f'oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, meta sitwazzjoni partikolari jkollha fattur ta' konnessjoni suffiċjenti mad-dritt tal-Unjoni, kif inhuwa l-każ ta' ċittadin tal-Unjoni li eżerċita l-libertà tiegħu ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, dawn l-Istati huma obbligati jiġġustifikaw differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tagħhom u dawk tal-Istati Membri l-oħra permezz ta' raġunijiet oġġettivi [16].

44. Għandu issa jiġi eżaminat jekk ir-regola li skontha r-Repubblika tal-Latvja ma testradixxix liċ-ċittadini tagħha stess tikkostitwixxix diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità li tmur kontra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18(1) TFUE.

45. A. Petruhhin ġie arrestat fil-Latvja u tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja hemmhekk sas-26 ta' Marzu 2015. Talba għal estradizzjoni min-naħa tal-Prosekutur Ġenerali tal-Federazzjoni Russa waslet għand il-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Latvja fil-21 ta' Ottubru 2014. Għalhekk, huma d-dispożizzjonijiet tad-dritt Latvjan kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-Ftehim tat-3 ta' Frar 1993 bejn ir-Repubblika tal-Latvja u l-Federazzjoni Russa, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili, tal-familja u kriminali, li għandhom japplikaw.

46. Fil-kuntest tal-kawża preżenti, ir-regola li skontha ċ-ċittadini Latvjani ma jistgħux jiġu estraditi mil-Latvja lejn Stat terz tinsab fit-tielet sentenza tal-Artikolu 98 tal-Kostituzzjoni Latvjana, fl-Artikolu 697(2)(1) tal-kodiċi ta' proċedura kriminali Latvjan, kif ukoll fl-Artikolu 62(1)(1) tal-Ftehim tat-3 ta' Frar 1993 bejn ir-Repubblika tal-Latvja u l-Federazzjoni Russa, dwar l-għajnuna legali u r-relazzjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili, tal-familja u kriminali.

47. Sa fejn, skont din ir-regola, huma ċ-ċittadini Latvjani biss li jibbenefikaw minn din il-protezzjoni mill-estradizzjoni, minn dan tirriżulta differenza fit-trattament fir-rigward taċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra li jinsabu fit-territorju Latvjan u li huma s-suġġett ta' talba għal estradizzjoni magħmula minn Stat terz.

15 — Ara, b'mod partikolari, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu l-kumpens għall-vittmi ta' attakki mwettqa fit-territorju nazzjonali, is-sentenza tat-2 ta' Frar 1989, Cowan (186/87, EU:C:1989:47, punt 19); fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar materji kriminali u ta' proċedura kriminali, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1998, Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563, punt 17); fir-rigward tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-kunjom ta' persuna, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 25), kif ukoll tat-12 ta' Mejju 2001, Runevič-Vardyn u Wardyn (C-391/09, EU:C:2011:291, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata); fir-rigward ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata bl-għan tal-irkupru tad-djun, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Pusa (C-224/02, EU:C:2004:273, punt 22); fir-rigward ta' regoli nazzjonali relatati mal-fiskalità diretta, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Schempp (C-403/03, EU:C:2005:446, punt 19); fir-rigward ta' regoli nazzjonali li jiddeterminaw id-detenturi tad-dritt tal-vot u ta' kandidatura għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543, punt 78); fir-rigward tad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-akkwist u tat-telf tan-nazzjonalità, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punti 39 u 41); fir-rigward tal-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2012, Reichel-Albert (C-522/10, EU:C:2012:475, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-75/11, EU:C:2012:605, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata); u, fir-rigward tal-kontenut tat-tagħlim u tal-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Martens (C-359/13, EU:C:2015:118, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Ara Iliopoulou, A., *op. cit.* Skont dan l-awtur, "[i]d-dritt taċ-ċittadinanza tal-Unjoni jirrikjedi li d-dritt taċ-ċittadinanza nazzjonali jiġġustifika ruħu, biex juri r-rilevanza u l-proporzjonalità tiegħu. L-Istat għandu jwettaq reviżjoni fid-dawl tal-istandards Ewropej tar-relazzjonijiet tiegħu mhux biss mal-'barrani' Komunitarju iżda wkoll maċ-ċittadini tiegħu" [traduzzjoni libera] (p. 196).

48. Peress li A. Petruhhin eżerċita l-libertà tiegħu ta' moviment u ta' residenza f'dan it-territorju, kif mogħtija mill-Artikolu 21(1) TFUE, huwa fid-dawl tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE li għandu jiġi eżaminat jekk ir-regola li skontha r-Repubblika tal-Latvja ma testradixxix liċ-ċittadini tagħha stess lejn ir-Russja hijiex kompatibbli mal-prinċipju li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni mwettqa minħabba n-nazzjonalità.

49. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod. Tali trattament jista' jiġi ġġustifikat biss jekk ikun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati u proporzjonati mal-għan leġittimu mfittex [17].

50. Għaldaqstant hemm lok li, f'kuntest bħal dak tal-kawża prinċipali, is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini Latvjani li jirrisjedu l-Latvja titqabbel ma' dik taċ-ċittadini Latvjani.

51. Il-prinċipju li ċ-ċittadini nazzjonali ma jiġux estraditi jikkostitwixxi prinċipju tradizzjonali tad-dritt tal-estradizzjoni. Huwa joriġina mis-sovranità tal-Istati fuq iċ-ċittadini tagħhom, mill-obbligi reċiproċi li jgħaqqduhom flimkien u min-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati l-oħra. Għalhekk, fost ir-raġunijiet li huma invokati bħala ġustifikazzjoni ta' dan il-prinċipju nsibu, b'mod partikolari, id-dmir tal-Istat li jipproteġi liċ-ċittadini tiegħu mill-applikazzjoni ta' sistema kriminali barranija, li la jkunu jafu l-proċedura u lanqas il-lingwa tagħha, u li fil-kuntest tagħha jkun diffiċli għalihom li jiddefendu ruħhom [18].

52. Eżaminati fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u tal-ugwaljanza fit-trattament li dan jistabbilixxi, il-bażijiet tal-prinċipju li ċ-ċittadini nazzjonali ma jiġux estraditi jidhru relattivament dgħajfa. Dan huwa l-każ tal-obbligu ta' protezzjoni li Stat Membru jrid ikollu fir-rigward taċ-ċittadini tiegħu. Jien ma narax għalfejn tali obbligu ma għandux ikun estiż għaċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra. L-Artikolu 20(2)(ċ) TFUE wkoll jimmilita f'dan is-sens, sa fejn jipprevedi li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom "id-dritt li jgawdu, fit-territorju ta' pajjiż terz fejn l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkunx rappreżentat, mill-protezzjoni ta' l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru, taħt l-istess kondizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat".

53. L-istess japplika għall-argument li skontu l-prinċipju li ċ-ċittadini nazzjonali ma jiġux estraditi huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' fiduċja tal-Istati fir-rigward tas-sistemi ġuridiċi barranin. Dwar dan il-punt, seta' jkun osservat ġustament li "[d]an in-nuqqas ta' fiduċja mingħajr dubju jikkostitwixxi waħda mill-bażijiet essenzjali għal dak li jsawwar il-mod kif inhija pprattikata l-estradizzjoni – u fuq kollox irrifjutata – illum il-ġurnata. Iżda għalkemm dan jista' jiġġustifika li Stat ma jweġibx b'mod favorevoli għal talba għal estradizzjoni, diffiċli jispjega għalfejn dan ir-rifjut jopponi biss talba għal estradizzjoni ta' ċittadin minħabba n-nazzjonalità. Għalkemm in-nuqqas ta' fiduċja jiġġustifika rifjut ta' estradizzjoni, dan jiġġustifikah fir-rigward ta' kulħadd, mhux biss fir-rigward taċ-ċittadini nazzjonali" [19] [traduzzjoni libera].

54. Għalkemm il-bażijiet tar-regola li skontha Stat ma jestradixxix liċ-ċittadini tiegħu stess għalhekk għandhom jitqiesu b'kawtela meta jiġu evalwati fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, fil-fehma tiegħi, teżisti madankollu raġuni oġġettiva biex issir distinzjoni bejn is-sitwazzjoni li jinsabu fiha ċ-ċittadini tal-Istat Membru mitlub u dik li jinsabu fiha ċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra fir-rigward ta' talba għal estradizzjoni magħmula minn Stat terz.

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Huber (C-524/06, EU:C:2008:724, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Ara Deen-Racsmány, Z., u Blekxtoon, R., "The Decline of the Nationality Exception in European Extradition?", *European Journal of Crime, Criminal Law and Criminal Justice*, Vol. 13/3, Koninklijke Brill NV, il-Pajjiżi l-Baxxi, 2005, p. 317.

19 — Ara Thouvenin, J.-M., "Le principe de non extradition des nationaux", *Droit international et nationalité*, Colloque de Poitiers de la Société française pour le droit international, Pedone, Paris, 2012, p. 127, speċjalment p. 133.

55. Fil-fatt, hemm lok li, f'kuntest bħal dak tal-kawża prinċipali, is-sitwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini Latvjani li jirrisjedu l-Latvja titqabbel ma' dik taċ-ċittadini Latvjani fir-rigward tal-għan li ġie enfasizzat minn diversi Stati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din il-proċedura, jiġifieri l-għan li tiġi miġġielda l-impunità tal-persuni ssuspettati li wettqu reat. Tali għan ċertament għandu natura leġittima fid-dritt tal-Unjoni[20].

56. Fuq dan il-punt, nosserva li l-estradizzjoni hija proċedura li tippermetti li jinbdew proċeduri kriminali għal reat jew l-eżekuzzjoni ta' piena. Fi kliem ieħor, din hija proċedura bl-għan intrinsiku li tiġġieled l-impunità ta' persuna li tinsab f'territorju li ma huwiex dak fejn twettaq ir-reat[21].

57. Fir-rigward ta' tali għan, is-sitwazzjoni li jinsabu fiha ż-żewġ kategoriji ta' ċittadini tal-Unjoni msemmija qabel tista' titqies li hija komparabbli biss jekk it-tnejn li huma setgħu jkunu s-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-Latvja għal reati mwettqa fi Stat terz.

58. Fi kliem ieħor, l-eżami tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet li jinsabu fihom iċ-ċittadini tal-Istat Membru mitlub u dawk tal-Istati Membri l-oħra jimplika li għandu jiġi vverifikat jekk, konformement mal-prinċipju *aut dedere aut judicare* (estradizzjoni jew prosekuzzjoni), iċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ser jiġu estraditi lejn Stat terz jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċeduri kriminali fl-Istat Membru mitlub minħabba reati mwettqa f'dan l-Istat terz. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk f'dan il-każ huwiex osservat il-prinċipju tradizzjonali fid-dritt internazzjonali tal-estradizzjoni li skontu l-Istat mitlub li jirrifjuta li jestradixxi ċ-ċittadini tiegħu għandu jkun f'pożizzjoni li jieħu proċeduri kriminali kontra dawn tal-aħħar.

59. Hugo Grotius iddefinixxa l-prinċipju *aut dedere aut punire* (estradizzjoni jew punizzjoni) bil-mod segwenti: "[m]eta jkun mitlub, Stat għandu jikkastiga lill-persuna ħatja kif jistħoqqilha, jew inkella jgħaddiha f'idejn l-Istat rikjedenti" [traduzzjoni libera][22]. It-terminu "jikkastiga" issa huwa ssostitwit bit-terminu "jieħu proċeduri kriminali" bħala t-tieni alternattiva għall-estradizzjoni sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-preżunzjoni tal-innoċenza li jibbenefikaw minnha l-persuni ssuspettati li wettqu reat.

60. Il-prinċipju *aut dedere aut judicare* huwa espress f'diversi konvenzjonijiet bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni[23]. L-obbligu ta' estradizzjoni jew prosekuzzjoni pereżempju huwa espress fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni, iffirmata f'Pariġi fit-13 ta' Diċembru 1957. L-Artikolu 6(1)(a) ta' din il-konvenzjoni jipprevedi li "[k]ull Parti kontraenti ser ikollha l-għażla li tirrifjuta l-estradizzjoni taċ-ċittadini tagħha" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 6(2) tal-imsemmija konvenzjoni jissupplimenta din id-dispożizzjoni sa fejn jipprovdi li, "[j]ekk il-parti mitluba ma testradixxix liċ-ċittadin tagħha, hija għandha, fuq talba tal-parti rikjedenti, tressaq il-kawża quddiem l-awtoritajiet kompetenti sabiex jekk ikun hemm bżonn ikunu jistgħu jinbdew proċeduri ġudizzjarji".

20 — Dan l-għan li tiġi miġġielda l-impunità ttieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic (C-129/14 PPU, EU:C:2014:586, punti 58 u 72).

21 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 4 ta' Settembru 2014, Trabelsi vs Il-Belġju (CE:ECHR:2014:0904JUD000014010, § 117 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tindika li hija "ma tonqosx milli żżomm quddiem għajnejha l-prinċipji bażiċi tal-estradizzjoni li huma li l-persuni li wettqu reat li jkunu ħarbu jiġu impediti milli jevadu l-ġustizzja kif ukoll l-għan fejjiedi mfittex minnha għall-Istati kollha f'kuntest ta' esternalizzazzjoni tal-kriminalità".

22 — Ara Grotius, H., *De jure belli ac pacis*, Ktieb II, Kapitolu XXI, Taqsima IV. Le droit de la guerre et de la paix: traduzzjoni bil-Franċiż minn Barbeyrac, J., Amsterdam, Pierre de Coud, 1724, Vol. 1, p. 639, speċjalment p. 640.

23 — Ara, pereżempju, il-konvenzjonijiet multilaterali ċċitati fil-paġna 15 tar-Rapport finali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2014, intitolat "Obbligu tal-estradizzjoni jew tal-prosekuzzjoni (*aut dedere aut judicare*)", jiġifieri l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni, iffirmata f'Pariġi fit-13 ta' Diċembru 1957, il-Konvenzjoni Ġenerali ta' Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, iffirmata f'Antananarivo fit-12 ta' Settembru 1961, il-Konvenzjoni Inter-Amerikana dwar l-Estradizzjoni tal-1981, il-Konvenzjoni dwar l-estradizzjoni tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent, adottata f'Abuja fis-6 ta' Awwissu 1994, u s-Sistema ta' Londra għall-estradizzjoni bejn il-pajjiżi tal-Commonwealth.

61. Bħalma jindika r-rapport finali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2014, intitolat "L-obbligu ta' estradizzjoni jew ta' prosekuzzjoni (*aut dedere aut judicare*)", dawn il-konvenzjonijiet huma bbażati fuq l-impenn ġenerali reċiproku tal-Istati kontraenti li jirritornaw lil kull persuna li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat rikjedenti jkunu fetħu proċeduri kontriha jew li tkun imfittxija għall-eżekuzzjoni ta' kundanna jew ta' miżura li tneħħi l-libertà. Dan l-obbligu ta' estradizzjoni madankollu għandu ċertu numru ta' eċċezzjonijiet, b'mod partikolari meta l-individwu li tintalab l-estradizzjoni tiegħu jkun ċittadin tal-Istat mitlub. Sabiex tiġi evitata l-impunità, l-imsemmija konvenzjonijiet jimponu fuq l-Istat mitlub it-tieni alternattiva, jiġifieri l-obbligu li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-awtur tar-reat jekk jirrifjuta li jestradixxih [24].

62. Għaldaqstant, skont l-obbligu ta' estradizzjoni jew ta' prosekuzzjoni, jekk l-Istat mitlub ma jilqax talba għal estradizzjoni, huwa obbligat li jieħu proċeduri kriminali [25] kontra l-persuna ssuspettata sabiex jiżgura l-effettività tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-Istati u jevita li din tibqa' ma tiġix ikkastigata.

63. Issa huwa preċiżament fir-rigward ta' dan l-element tal-aħħar li, fil-kuntest ta' kawża prinċipali, iċ-ċittadini Latvjani u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli.

64. Jista' jkun hemm ir-riskju ta' impunità tal-persuna kkonċernata minn talba għal estradizzjoni jekk l-Istat Membru mitlub ma jkunx ippreveda, fid-dritt intern tiegħu, ġurisdizzjoni li tippermettilu jiddeċiedi dwar ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jkun issuspettat li wettaq reat fit-territorju ta' Stat terz.

65. F'dan ir-rigward, nirrileva, bħall-Kummissjoni, li skont l-Artikolu 4(1) tal-liġi kriminali Latvjana, "[i]l-persuni ċittadini u mhux ċittadini Latvjani [26] kif ukoll il-barranin detenturi ta' permess ta' residenza permanenti fil-Latvja għandhom jinżammu responsabbli, fit-territorju tal-Latvja skont din il-liġi, għal att imwettaq fit-territorju ta' Stat ieħor jew barra mit-territorju nazzjonali, irrispettivament minn jekk dan l-att jitqiesx jew le li huwa ksur u suġġett għal sanzjonijiet kriminali fil-post fejn twettaq".

66. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li ċ-ċittadini Latvjani li jkunu wettqu reat fi Stat terz jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-Latvja. Dan huwa wkoll il-każ fir-rigward ta' barranin li jkollhom permess ta' residenza permanenti fit-territorju Latvjan.

67. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-barranin li ma jkollhomx permess bħal dan, l-eżerċizzju mill-qrati kriminali Latvjani tal-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rigward ta' rati mwettqa fit-territorju ta' Stat terz huwa limitat, skont l-Artikolu 4(3) tal-liġi kriminali Latvjana, għall-każijiet ta' "reati gravi jew gravi ħafna kontra l-interessi tar-Repubblika tal-Latvja jew tal-abitanti tagħha".

68. Għaldaqstant jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali Latvjana jirriżulta li ċittadin ta' Stat Membru minbarra r-Repubblika tal-Latvja, bħal A. Petruhhin, li fir-rigward tiegħu huwa paċifiku li ma għandux permess ta' residenza permanenti fit-territorju Latvjan, ma jistax ikun is-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-Latvja għal reat li huwa ssuspettat li wettaq fir-Russja. Minn dan isegwi li, fir-rigward tal-għan li tiġi evitata l-impunità ta' persuni ssuspettati li wettqu reat fi Stat terz, dan iċ-ċittadin ma jinsabx f'sitwazzjoni komparabbli għal dik taċ-ċittadini Latvjani.

24 — Ara p. 15 ta' dan ir-rapport finali.

25 — Għalkemm l-espressjoni "obbligu ta' prosekuzzjoni" hija l-iktar waħda użata, ikun iktar preċiż li dak li jkun isemmi obbligu li l-kawża titressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti biex jittieħdu l-proċeduri kriminali. Skont il-provi li jkun hemm, l-eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu tista' twassal għat-teħid ta' proċeduri kriminali jew le.

26 — Dwar it-tifsira ta' din l-espressjoni, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. Għaldaqstant, id-differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni li ma humiex ċittadini Latvjani li jirrisjedu l-Latvja u ċ-ċittadini Latvjani ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni pprojbita mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, sa fejn din hija ġġustifikata mill-għan li tiġi miġġielda l-impunità ta' persuni ssuspettati li wettqu reat fi Stat terz.

70. Konsegwentement, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21(1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jirrikjedux li ċittadin ta' Stat Membru li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u li huwa s-suġġett ta' talba għal estradizzjoni minn Stat terz jibbenefika mill-istess regola bħal dik li tipproteġi liċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru l-ieħor mill-estradizzjoni.

## C – *Fuq it-tielet domanda*

71. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, minn naħa, jekk Stat Membru li jiddeċiedi li jestradixxi ċittadin tal-Unjoni lejn Stat terz huwiex obbligat iwettaq verifika tal-garanziji previsti fl-Artikolu 19(2) tal-Karta u, min-naħa l-oħra, fiex għandha tikkonsisti din il-verifika.

72. Mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li din il-kwistjoni jidher li toriġina mill-allegazzjonijiet ta' A. Petruhhin li huwa jista' jkun mhedded bit-tortura jekk jiġi estradit lejn ir-Russja.

73. Skont l-Artikolu 19(2) tal-Karta, "[ħ]add ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti".

74. L-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[27] jindikaw li din id-dispożizzjoni "[t]inkorpora l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' l-Artikolu 3 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950[28]]"[29].

75. Ladarba s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li, bħalma huwa l-każ ta' A. Petruhhin, għamel użu mil-libertà tiegħu ta' moviment u ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kif għidt preċedentement, jien tal-fehma li l-Artikolu 19(2) tal-Karta jista' jiġi applikat f'sitwazzjoni bħal din.

76. Għalhekk, qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq talba dwar l-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor li jkun għamel użu mid-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 21(1) TFUE hija obbligata tivverifika l-garanziji previsti fl-Artikolu 19(2) tal-Karta.

77. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar fiex għandha tikkonsisti din il-verifika, konformement mal-ispjegazzjonijiet fl-Artikolu 19(2) tal-Karta, jeħtieġ li jsir riferiment għall-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 3 tal-KEDB.

78. Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-protezzjoni mit-trattamenti pprojbiti mill-Artikolu 3 tal-KEDB hija assoluta u li, għalhekk, it-tneħħija ta' persuna mit-territorju min-naħa ta' Stat kontraenti tista' tqajjem problema fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni, u għalhekk tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat inkwistjoni abbażi tal-KEDB, meta jkun hemm raġunijiet serji u

27 — ĠU 2007, C 303, p. 17.

28 — Iktar 'il quddiem il-"KEDB".

29 — Isir riferiment għas-sentenzi tal-Qorti EDB tas-7 ta' Lulju 1989, Soering vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1989:0707JUD001403888), u tas-17 ta' Diċembru 1996, Ahmed vs L-Awstrija (CE:ECHR:1996:1217JUD002596494).

pprovati sabiex wieħed jemmen li l-parti kkonċernata, jekk titneħħa lejn il-pajjiż tad-destinazzjoni, hemmhekk ser tkun tinsab f'riskju reali li tiġi suġġetta għal trattament li jmur kontra l-imsemmija dispożizzjoni [30]. F'dan il-każ, l-Artikolu 3 tal-KEDB "jimplika l-obbligu li l-persuna inkwistjoni ma titneħħiex lejn dan il-pajjiż, anki jekk ikun pajjiż terz" [31]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tispeċifika li hija "ma tagħmilx distinzjoni skont il-bażi legali tat-tneħħija; irrispettivament minn jekk tkunx ikkonċernata tkeċċija jew estradizzjoni, il-Qorti tadotta l-istess raġunament" [32].

79. Meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem teżamina jekk rikorrent huwiex ser ikun espost għal riskju reali ta' trattamenti ħżiena fil-pajjiż terz ta' destinazzjoni, hija tevalwa "minn naħa s-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u min-naħa l-oħra l-elementi speċifiċi għall-każ tar-rikorrent. Meta l-Istat ospitanti jkun ipprovda garanziji, dawn jikkostitwixxu fattur rilevanti supplimentari li hija tieħu inkunsiderazzjoni" [33]. Għalhekk, lil hinn mis-sitwazzjoni ġenerali tal-pajjiż ta' destinazzjoni, ir-riskju reali li wieħed ikun suġġett għal trattamenti pprojbiti mill-Artikolu 3 tal-KEDB għandu jiġi individwalizzat.

80. Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx raġunijiet serji u pprovati biex wieħed jemmen li hemm riskju reali ta' trattamenti inkompatibbli mal-Artikolu 3 tal-KEDB, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tibbaża ruħha fuq il-provi kollha li jkunu ġew prodotti quddiemha jew, jekk ikun hemm bżonn, li hija tikseb *ex officio* [34]. Għal dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni ġenerali f'pajjiż, hija ta' spiss tat importanza lill-informazzjoni li tinsab fir-rapporti reċenti li ġejjin minn assoċjazzjonijiet internazzjonali indipendenti tad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem bħal Amnesty International jew sorsi governattivi [35].

81. Minbarra din id-deskrizzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b'konformità magħha, jeħtieġ li jitqies ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement tat deċiżjoni fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299.

82. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza ddeċidiet, fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Karta, li "bil-għan li tiġi ggarantita l-osservanza [ta' dan l-artikolu] fil-każ individwali tal-persuna li tkun suġġetta għal mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, li jkollha quddiemha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati li jixhdu l-eżistenza ta' [fallimenti sistematiċi jew iġġeneralizzati, jew li jmissu ċerti gruppi ta' persuni], għandha tivverifika jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jeżistux raġunijiet serji u kkonfermati li jġielgħuha temmen li, wara l-konsenja tiegħu [tagħha] lill-Istat Membru emittenti, din il-persuna tkun qed tirriskja realment li f'dan l-Istat Membru tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens [tal-imsemmi] artikolu" [36].

83. Il-metodoloġija ddefinita b'dan il-mod mill-Qorti tal-Ġustizzja jidhirli li tista' tiġi applikata għas-sitwazzjoni li fiha, wara talba għal estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni minn Stat terz, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru mitlub tivverifika jekk humiex osservati l-garanziji previsti fl-Artikolu 19(2) tal-Karta.

30 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 4 ta' Frar 2005, Mamatkoulov u Askarov vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:0204JUD004682799, § 67); 28 ta' Frar 2008, Saadi vs L-Italja (CE:ECHR:2008:0228JUD003720106, § 125 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll 4 ta' Settembru 2014, Trabelsi vs Il-Belġju (CE:ECHR:2014:0904JUD000014010, § 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 — Qorti EDB, 4 ta' Settembru 2014, Trabelsi vs Il-Belġju (CE:ECHR:2014:0904JUD000014010, § 116).

32 — Qorti EDB, 4 ta' Settembru 2014, Trabelsi vs Il-Belġju (CE:ECHR:2014:0904JUD000014010, § 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 17 ta' Jannar 2012, Othman (Abu Qatada) vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2012:0117JUD000813909, § 187).

34 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 30 ta' Ottubru 1991, Vilvarajah *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1991:1030JUD001316387, § 107); 4 ta' Frar 2005, Mamatkoulov u Askarov vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:0204JUD004682799, § 69), kif ukoll 28 ta' Frar 2008, Saadi vs L-Italja (CE:ECHR:2008:0228JUD003720106, § 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, Mamatkoulov u Askarov vs It-Turkija (CE:ECHR:2005:0204JUD004682799, § 72) kif ukoll Saadi vs L-Italja (CE:ECHR:2008:0228JUD003720106, § 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 — Sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 94).

## IV – **Konklużjoni**

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li tingħata r-risposta li ġejja għad-domandi magħmula mill-Augstākā tiesa (qorti suprema, il-Latvja):

F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jirrikjedux li ċittadin ta' Stat Membru li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li huwa s-suġġett ta' talba għal estradizzjoni minn Stat terz jibbenefika mill-istess regola bħal dik li tipproteġi liċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru l-ieħor mill-estradizzjoni.

Sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-każ individwali ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun is-suġġett ta' talba għal estradizzjoni, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru mitlub, li jkollha quddiemha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati li jixhdu l-eżistenza ta' dgħufijiet sistemiċi jew iġġeneralizzati, jew li jaffettwaw lil ċerti gruppi ta' persuni, hija obbligata tivverifika jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jeżistux raġunijiet serji u pprovati li jġielgħuha temmen li, wara l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Istat terz rikjedenti, dan iċ-ċittadin tal-Unjoni ser ikun f'riskju reali li jiġi suġġett għal trattament inuman jew degradanti f'dan l-Istat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.